*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,533, 13 ta' Jannar, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 28 tal-2010**

## ATT DWAR IL-KARTI TAL-IDENTITÀ (KAP. 258)

### Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti tal-Identità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Karti tal-Identità, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti tal-Identità, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1996 dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti tal-Identità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu.

A.L. 47 tal-1996.

**2.** Il-'*proviso*' li hemm fil-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:-

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

"Iżda, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2010, kull karta tal-identità maħruġa wara l-15 ta' Jannar 2002 li tiskadi qabel il-31 ta' Diċembru 2010 għandha, minkejja d-data tal-iskadenza murija fuq dik il-karta tal-identità, tibqa' hekk valida sal-31 ta' Diċembru 2010 u dik il-karta tal-identità ma għandhiex titqies li tkun skadiet qabel il-31 ta' Diċembru 2010.".

**L.N. 28 of 2010**

## IDENTITY CARD ACT
## (CAP. 258)

### Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by article 13 of the Identity Card Act, the Prime Minister has made the following regulations:-

Citation.

**1.** These regulations may be cited as the Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2010 and shall be read and construed as one with the Identity Cards (Issue and Validity) Regulations, 1996 hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 47 of 1996.

Amends regulation 3 of the principal regulations.

**2.** The proviso in paragraph (1) of regulation 3 of the principal regulations shall be substituted with the following:-

> "Provided that, with effect from the 1st of January 2010, any identity card issued after the 15th of January 2002 which expires before the 31st of December 2010 shall, notwithstanding the expiry date appearing on such identity card, remain valid up to the 31st of December 2010 and such identity card shall not be deemed to have expired before the 31st December of 2010.".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09